Il-flus li ma jafux iħobbu int ħabbejt,
u 'l min ħabbek minn qalbu int ħallejt.

Rqadt bil-ġuħ u tgħum illum fil-ġid,
kif stagħnejt anqas inti ma taf tgħid.

Imweġġaħ il-għani li stagħna bid-dnewwa,
imżeblaħ minn ftaqar għax ried jimxi sewwa.

Sbieħ huma l-flus u għeżież kienu minn dejjem,
bihom ninbigħu u ninxtraw bħal bhejjem.

Flus is-serq ma fihomx barka?
F'dil-ħajja huma sejf u tarka.

Imweġġaħ il-għani kull fejn imur,
imqar fil-ħabs li kull tant iżur.

Ħafna jgħidu li jobogħduk, ja Mammon,
imma f'qalbhom għamlulek l-isbaħ tron.

### LIL WIEHED FIERAGH

Tħobbu t-tiżjin, tmellis u duħħan fl-arja;
imżejjen ukoll il-ħmar nhar l-Imnarja.

Ħabbejt il-frugħa, ħix-xejn jintemm ismek,
malli twarrab il-mewt minn nofsna 'l ġismek.

### IMHALLTIN

Regħba u kburija, frugħa u rtubija,
dawn imexxuna, mhux l-irġulija.

Żaqqu mimlija, ma jafx xinhu ġuħ;
"aħdem," hu jgħidlek, "li taqla' mirbuħ."

Temminx fil-bniedem jekk trid temmen f'Alla,
f'Alla biss is-sewwa li l-bniedem ħalla.

Kollox taf u f'kollox tifhem,
kull ma jaħdmu l-moħħ, l-idejn;
ħaġa biss ma tistagħx tifhem,
le ma taf kemm ma taf xejn.



Erba' għadmiet bil-kemm mistura,
xufftejn ħomor, xagħ'r mibrum,
libsa mqaċċta, daħka mqanżħa:
dan kull m'għandha xebba llum.

Qronfla fit-tieqa, ġawhra fid-dar moħbija,
nixfet il-qronfla u l-ġawhra barra mormija.

Saret Malta bħal ħanżir imsemmen
lesta għal qatla, għalkemm ma tridx temmen.

Nimxu 'l quddiem u sejrin dejjem għall-agħar,
ħa nerggħu lura biex inkunu aħjar.

Ħott u ibni, raqqa' u sewwi,
imma l-ewwel il-moħħ dewwi.

Inħallu d-dinja kif sibnieha; jgħid il-għażżien.
Mhux li kont; Imma agħar tħalliha, kif ingħidlek jien.

Bhima jgħidulu min jaħrab minn nies;
għajb dan lill-bhejjem jew ġieħ kbir bla qjies?

Qabel mewthom tfaħħarx il-bnedmin,
niftaħħru aħna għax qisna mejtin.

Għakkisni Int Ġesù li taf il-ħniena,
tħallix il-ħżiena jaħqruni bil-ħjiena.

### GHELUQ

'Il ħadd ma semmejt f'dawn il-vrus;
jekk trid, ħudhom għalik bla flus.

## ĊANFIRA

*Ta'* VINCENT CARUANA

Fil-karnival xi wħud telqulha għall-ballu.
Oħrajn il-knisja marru. 'Ma bi kliemu
Qagħad il-predikatur jintilef f'saħna
Ma' dawk in-nies twajbin li sab quddiemu.